MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 439/2007

**Talba Nru: 439/07VGD**

Emmanuel u Doris konjugi Tanti (Id. 253545(M) u 238651(M)

Vs

Joseph u Doreen konjugi Zahra

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mija u sitta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm136.50c) oltre l-imghax legali skond il-ligi rapprezentanti arretrati ta' skadenza ta' kera li saret

dovuta fl-10 ta' April 2007, liema kera hija pagabbli bil-quddiem skond il-kuntratt quddiem in-Nutar Anthony Grech Trapani tat-22 ta' Frar 1999 fuq il-fond 30 Conception Street, Gzira. L-atturi jirrizervaw ukoll ghal kull depozitu ta' kera li jistghu l-konvenuti kontra d-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili u l-Kap. 69 tal-ligijiet ta' Malta. B'riserva ta' azzjoni ta' xoljiment tal-kuntratt f'kaz ta' inadempjenza u dana peress li l-morozita tal-konvenuti hija regolari u ghaldaqstant regolarment tardivi fil-pagament. Bl-ispejjes inkluzi spejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u l-imghax kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' cessjoni pprezentata seduta stante mill-atturi li permezz taghha huma cedew t-talba ghall-hlas stante pagament, filwaqt li zammew ferm il-kap tal-ispejjes.

Ra l-verbal tal-21 ta' Gunju 2007 fejn il-konvenut Joseph Zahra ammetta li ghandu jhallas l-ispejjes tal-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjes kollha tal-kawza, kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------